QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 TA' OTTUBRU 2001

Avviz Nru 1858/98DM

Gasan Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation Plc.kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Raymond Micallef

vs

Peter Kok

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici sabiex:

1 tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fl-4 ta' Ottubru 1996 f'Ta' Xbiex waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. 0-6935, b'mod negligenti, imprudenti u kontra Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat mall-vettura numru I-3110 propjieta ta' assikurat tal-attur, Raymond Micallef u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura

2 tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-amont ta' mitejn Lira Maltin (LM200.00) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi

3 tikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mall-imghaxiet legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu 1998 u tal-konsult (Lm24.00), u ta' ittra ufficjali ppresentat kontestwalment ma l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas - subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1 Illi isem il-konvenut huwa Peter Kok u ghaldaqstant ghandha ssir il-korrezzjoni necessarja u l-konvenut ghandu jigi notifikat bl-avviz kif korrett.

2 Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet tas-socjeta attrici huma preskritti peress illi ghaddew aktar minn sentejn minn mindu gara l-incident

3 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident imsemmi fl-avviz ma garax b'tort ta' l-eccipjent izda htija ta' Raymond Micallef, l-assigurat tas-socjeta attrici li kien manifestament traskurat meta ghamel manuvra ta' U – turn quddiem il-vettura misjuqa mill-konvenut

4 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2000 fejn il-konvenut jghamel riferenza ghall-eccezzjonijiet u jirtira l-ewwel eccezzjoni w ukoll it-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni

Rat il-verbal tad-29 ta' Marzu 2000 u dak tad-28 ta' Marzu 2001 fejn il-konvenut jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Rat in-nota tas-socjeta attrici ipprezentata fl-24 ta' Ottubru 2000.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Id-divergenza bejn il-verzjonijiet tal-kontendenti tirrigwarda biss il-manuvra li ghamel l-assigurat tal-atturi. Waqt li l-attur isosstni li kien qed isuq fl-istess direzzjoni tal-konvenut u quddiemhu u li xeghel l-'indicator' qabel ma dar fuq il-lemin, il-konvenut jallega li dan setgha hareg f'daqqa quddiemu minn fejn setgha kien ipparkeggjat.

Izda l-konvenut jammetti ukoll illi ra l-ewwel darba l-karozza tal-assigurat fl-istess waqt li laqatgha. Jsosstni li : "I noticed the car the first time, was when I hit it".

Dan jimplika bil-fors nuqqas ta 'proper look out' u jpoggi l-verzjoni tal-konvenut fil-kamp tal-kongetturi. In-nuqqas ta vizibilita' tajba m'hiex skuzanti, anzi kienet tobbliga lill-konvenut milli jkompli jsuq.

Ghalhekk issib illi l-konvenut huwa unikament risponsabbli tal-kollizzjoni li grat fl-4 ta' Ottubru 1996 f'Ta' Xbiex waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. 0-6935 in kwistjoni u konsegwentement issibu ukoll unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident.

Billi il-'quantum' tad-danni reklamati fis-somma ta LM200 ma giex ikkontestat tilqa it-tieni u t-tielet talba tal-atturi u tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fl-ammont ta' mitejn Lira Maltin (LM200.00) u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta attrici din is-somma hekk likwidata flimkien mall-imghaxijiet mit-8 ta Ottubru 1998.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

…………………………………

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ23